

E2002G0002

L 98/76

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.4.2006

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA****Nru 2/2002/SC****tat-30 ta' Mejju 2002****dwar l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti ta' l-EFTA**

IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-dokumenti ta' l-EFTA li ġejjin li għandhom x'jaqsmu maż-ŻEE huma pubbliċi:

- Il-Ftehim taż-ŻEE
- Il-Verżjoni Konsolidata ta' l-Annessi u l-Protokolli għall-Ftehim taż-ŻEE
- Is-Supplement taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali
- Il-Lista tad-Deċiżjonijiet adottati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
- Notifikazzjonijiet mistennija taħt l-Artikolu 103
- Il-lista tas-Celex
- Id-dokumenti ta' informazzjoni dwar programmi magħżula fil-qasam tas-Sottokumitat IV
- Il-programm ta' ħidma tal-Presidenza ta' l-EFTA
- Ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE
- L-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv ta' l-EFTA
- Ir-riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE
- L-aġendi tal-Kunsill taż-ŻEE
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill taż-ŻEE
- L-aġendi tal-Kumitat Permanenti ta' l-EFTA
- Il-konklużjonijiet tal-Kumitat Permanenti ta' l-EFTA
- L-aġendi u l-minuti tal-Kumitat Parlamentari ta' l-EFTA
- L-aġendi u l-minuti tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE
- L-aġendi u l-minuti tal-Kumitat Konsultattiv ta' l-EFTA

- L-aġendi u l-minuti tal-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE
- Osservazzjonijiet ŻEE-EFTA
- L-aġendi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
- Il-minuti tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea)
- Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
- Ir-Rapport Annwali tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
- Listi ta' proposti għal leġiżlazzjoni tal-KE li tista' tkun ta' relevanza għall-Ftehim taż-ŻEE ("l-acquis fi stadju ta' żvilupp" tal-KE)
- Listi ta' leġiżlazzjoni adottata tal-KE li qed jiġi kkunsidrat l-inkorporazzjoni tagħha fil-Ftehim taż-ŻEE
- Statistika li għandha x'taqsam maż-ŻEE maħruġa mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika ta' l-EFTA
- Id-dokumenti l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu maż-ŻEE u li m'humiex klassifikati bħala kunfidenzjali

#### Artikolu 2

1. Għad-dokumenti ta' l-EFTA li għandhom x'jaqsmu maż-ŻEE u li m'humiex imniżżla fl-Artikolu 1 għandhom japplikaw il-prinċipji deskritti fl-intestaturi "DOKUMENTI OĦRA TA' L-EFTA" u "KIF JINKISEB AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI L-OĦRA TA' L-EFTA" fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-EFTA Nru 2 ta' l-1997 ("LINJI GWIDA GĦALL-AĊĊESS PUBBLIKU GĦAL DOKUMENTI TA' L-EFTA"), approvati mill-Kumitat Permanenti fis-27 ta' Ġunju 1997.
2. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-EFTA Nru. 2 ta' l-1997 u l-Anness għaliha huma annessi ma' din id-deċiżjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' Mejju 2002.

#### Għall-Kumitat Permanenti

*Il-President*  
Gunnar Snorri GUNNARSON

*Is-Segretarju-Generali*  
William ROSSIER

## ANNEX

**“DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru 2 ta' l-1997**

(Adottata fid-9 laqgħa fit-18 ta' Ġunju 1997)

## LINJI GWIDA GĦALL-AĊĊESS TAL-PUBBLIKU GĦAL DOKUMENTI TA' L-EFTA

IL-KUNSILL,

Bix-xewqa li jikseb trasparenza akbar u għoti aħjar ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar l-attivitajiet ta' l-EFTA

Konvint li hu utli li l-pubbliku jingħata l-aktar aċċess wiesa' possibbli għad-dokumenti ta' l-EFTA,

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' linji gwida mgħoddija għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill ta' l-EFTA mill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Settembru 1996.

IDDEĊIEDA LI:

Il-linji gwida għall-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ta' l-EFTA kif stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huma hawnhekk approvati u jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali.

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ hekk kif tkun adottata mill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA.

—

## ANNEX

**LINJI GWIDA GĦALL-AĊĊESS TAL-PUBBLIKU GĦAL DOKUMENTI TA' L-EFTA**

Dawn il-linji gwida japplikaw għal talbiet indirizzati lis-Segretarjat ta' l-EFTA għal aċċess tal-pubbliku għal dokumenti ta' l-EFTA:

## DOKUMENTI PUBBLIĊI TA' L-EFTA

*Id-dokumenti ta' l-EFTA li għejjin huma pubbliċi:*

- Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma;
- Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' pajjiżi terzi;
- Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni;
- Ir-Rapporti Annwali ta' l-EFTA

*Id-dokumenti ta' l-EFTA/ŻEE li għejjin huma pubbliċi:*

- Il-Ftehim taż-ŻEE;
- Il-Verżjoni Konsolidata ta' l-Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE u s-Supplement taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali;
- L-aġendi tal-Kunsill taż-ŻEE;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill taż-ŻEE;
- L-Aġendi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;
- Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;
- L-Aġendi tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA;
- Il-Listi tad-Deċiżjonijiet adottati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;
- Il-Listi ta' proposti ta' Leġislazzjoni tal-KE li jistgħu jkunu ta' rilevanza għall-Ftehim taż-ŻEE ('l-acquis fi stadju ta' żvilupp' tal-KE);
- Il-Listi ta' leġislazzjoni adottata tal-KE li qed tiġi kkunsidrata l-inkorporazzjoni tagħha fil-Ftehim taż-ŻEE;
- Id-dokumenti ta' informazzjoni dwar programmi magħżula fil-qasam tas-Sottokumitat IV.

Il-biċċa l-kbira ta' l-informazzjoni msemmija hawn fuq tinsab fuq is-Sit ta' l-Internet ta' l-EFTA ([www.efta.int](http://www.efta.int))

## DOKUMENTI OĦRA TA' L-EFTA

Il-prinċipju tat-trasparenza huwa applikat kemm jista' jkun. L-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti ta' l-EFTA japplika fir-rispett xieraq tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni ta' l-informazzjoni kklassifikata. Madankollu, il-klassifikazzjoni ta' kwalunkwe dokument mhux bilfors li teskludi lil dan l-istess dokument milli jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. L-aċċess jista' jkun miċħud meta l-iżvelar tad-dokumenti jista' jkun ta' ħsara:

- għall-ħarsien ta' l-interess pubbliku (sigurtà pubblika, relazzjonijiet internazzjonali, eċċ);
- għall-ħarsien ta' l-individwu u tal-privatezza;
- għall-ħarsien tas-segretezza kummerċjali u industrijali;
- għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-EFTA;
- għall-ħarsien tal-kunfidenzjalità kif mitluba mill-persuna li tkun tat l-informazzjoni, jew kif mitlub mill-Leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li jkun ta l-informazzjoni;
- għall-ħarsien ta' l-interess ta' l-istituzzjoni fil-kunfidenzjalità tal-proċedimenti.

## KIF JINKISEB AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI L-OĦRA TA' L-EFTA

Meta jirċievi talbiet għall-aċċess pubbliku għal dokumenti oħrajn ta' l-EFTA, is-Segretarjat għandu jippreżenta dawn it-talbiet lid-delegazzjonijiet ta' l-EFTA għall-approvazzjoni, u dawn għandhom jieħdu azzjoni dwarhom mingħajr dewmien. Jekk talba tiġi miċħuda, l-entitajiet li jista' jsir rikors għalihom huma l-Kunsill ta' l-EFTA għal dokumenti dwar attivitajiet li jkunu twettqu f'Ġinevra, u l-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għal dokumenti dwar attivitajiet li jkunu twettqu fi Brussell."